# PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. ROBERT G. MANGION

### 27 TA' APRIL, 2023

Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni nru 532/2023 fl-ismijiet:

**Anastasia Duzenko**

**v.**

**Michela Angele Cardona**

**Il-Qorti,**

1. Dan huwa digriet finali dwar rikors ta' Anastasia Duzenko fejn qed jintalab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimata Michela Angele Cardona ai termini tal-**artikolu 873 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet t'a Malta.

2. Permezz tar-rikors tagħha tat-30 ta' Marzu, 2023 Duzenko, wara li ppremettiet li hija l-proprjetarja tal-flat numru 3, 220, Triq il-Kunċizzjoni, Msida, liema flat jinsab fit-tielet sular sottostanti l-appartament tal-intimata; illi l-intimata abbużivament u mingħajr awtoriżżazzjoni qed teżegwixxi xogħolijiet li permezz tagħhom beħsiebha ssaqqaf il-gallarija

tar-rikorrenti sabiex isservi bħala estensjoni tal-proprjeta' sovrapposta; illi hija diġa istitwit kawża kontra l-intimata sabiex tikkontesta tali żvilupp; illi r-rikorrenti ser tiġi ppreġudikata rrimedjabbilment jekk l-intimata ma' tiġiex inibita milli tkompli bix-xogħol propost; talbet sabiex il-Qorti twaqqaf lill-intimata "personalment jew permezz ta' terzi tagħmel jew tkompli tagħmel kwalunkwe tip ta' xogħol, żvilupp u/jew kostruzzjoni fil-proprjeta' tal-intimata bl-indirizz numru 220, Flat 4, Triq il-Kunċizzjoni, Msida, fl-arja sovrapposta l-proprjeta' tal-attriċi bl-indirizz numru 220, Flat 3, Triq il-Kunċizzjoni, Msida."

3. Illi b'digriet tat-30 ta' Marzu, 2023 l-Qorti laqgħet provviżorjament ir-rikors, appuntat ir-rikors għas-smiegħ għad-19 ta' April, 2023 u ordnat in-notifika lill-intimata bil-fakolta' ta' risposta fi żmien għaxart ijiem.

4. Fl-10 ta' April, 2023 l-intimata Cardona ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed topponi għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tagħha.

5. Fis-seduta tad-19 ta' April, 2023 deheru l-partijiet assisti mill-avukati rispettivi tagħhom u informaw lill-Qorti illi kien beħsiebhom jesploraw ftehim u għalhekk talbu differiment.

6. Is-smigħ ġie għalhekk differit għas-27 ta' April, 2023.

7. Fis-seduta tas-27 ta' April, 2023 ġiet ippreżentata nota konġunta mill-partijiet li permezz tagħha ddikjaraw:

   Li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni li t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tiġi ridotta fis-sens li l-ewwel paragrafu tat-talbiet jiġi jaqra kif ġej:

   "Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm lill-intimat milli personalment jew permezz ta' terzi tagħmel jew tkompli

taghmel tip ta’ xogħol, zvilupp u/jew kostruzzjoni fl-arja sovrastanti l-proprjeta’ ta’ l-attriċi bl-indirizz 220, Flat 3, Triq il-Kuncizzjoni, Msida, specifikatament l-arja sovrastanti il-galleriji tal-istess appartament. Liema galleriji fil-prezent jinsabu esposti minn quddiem u minn fuq.”

Permezz tan-nota koġuntiva imsemmija l-partijiet iddikjaraw ukoll illi “ma hemm l-ebda talba għal ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni fuq ix-xogħol ta’ kostruzzjoni li l-intimata qed taghmel fil-proprjeta’ taghha ghajr il-parti indikat bl-ahmar fil-pjanta annessa (Dok A) li hija kontestata.”

In-nota konġunta saret mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-partijiet.

8. In vista ta’ din in-nota konġunta l-Qorti ħalliet ir-rikors għal digriet kamerali.

**Konsiderazzjonijiet**.

9. Mandat ta’ inibizzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 huwa intiż sabiex persuna tiġi miżmuma milli tagħmel kull ħaġa li tista’ tkun ta’ preġudizzju għal min jitlob il-ħruġ tal-mandat.

10. Ġie miżmum illi l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi tħassib jew skumdita. Il-jedd pretiż irid jidher mad-daqqa t’għajn u mhux irid jinstab wara tiftix ta’ ċirkostanzi li jitolbu stħarriġ b’reqqa ta’ provi jew interpretazzjoni lil hinn minn dak li jidher;(ara **Malta Union of Teachers vs The University of Malta Academic Staff Association (U.M.A.S.A.) et**.” (Rik. Inib. 1066/20) – Prim’ Awla - 25.09.2020);

11. Bil-fatt li l-partijiet qablu li l-Qorti tilqa’ t-talba b’forma ridotta kif iż-żewġ partijiet spjegaw fin-nota konġunta tagħhom, mhux meħtieġ li l-Qorti tinoltra ruħha aktar dwar il-ħtieġa o meno tal-mandat mitlub. Tenut kont ukoll tal-fatt li r-rikorrenti ġia intavolat kawża dwar il-pretensjoni tagħha.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi r-rikors ta' Duzenko Anastasia tat-30 ta' Marzu, 2023 bil-mod kif emendat bin-nota' konġunta imsemmija billi;

1. **Tilqa'** t-talba kif emendata tar-rikorrenti Anastasia Duzenko,

2. **Tordna** l-ħruġ ta' mandat ta inibizzjoni kontra l-intimata Michela Angele Cardona u tordna li tiġi inibita milli personalment jew permezz ta' terzi tagħmel jew tkompli taghmel tip ta' xogħol, zvilupp u/jew kostruzzjoni fl-arja sovrastanti l-proprjeta' tar-rikorrenti bl-indirizz 220, Flat 3, Triq il-Kuncizzjoni, Msida, specifikatament l-arja sovrastanti il-galleriji tal-istess appartament.

3. **Bl-ispejjeż** riżervati għas-sentenza fil-kawża dwar il-mertu.

Mogħti kameralment illum 27 ta' April, 2023.

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**